MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2009

Citazzjoni Numru. 676/2008

**Josette Mizzi I.D. No. 537661(M)**

**-vs-**

**Roberto Stivala I.D. No. 135070(M) fil-kapacita tieghu ta' direttur tas-socjeta' G.A. Properties Limited C-14388/16**

**Il-Qorti :**

**Rat** ir-rikors mahluf presentat fit-2 ta' Lulju 2008 fejn l-attrici qalet hekk:

" 1. Illi l-attrici fid-29 ta' Marzu 2007 giet mahtura direttrici tas-socjeta' konvenuta (DOK JM1) ;

2. Illi madwar sitt xhur wara, permezz ta' telefonata lil zewgha minn ghand il-konvenut Roberto Stivala, l-attrici giet informata illi hija m'ghadhiex direttrici ta' l-istess

socjeta', u dan minghajr ma hija qatt kienet involuta f'ebda diskussjoni fejn setghet ittiehdet tali decizjoni ;

3. Illi meta hija vverifikat din l-informazzjoni mar-Registru tal-Kumpaniji fi hdan il-Malta Financial Services Authority, irrizulta illi fit-12 ta' Awissu 2007, intbaghtet notifika ta' Form I lir-Registratur tal-Kumpaniji mill-konvenut Roberto Stivala fejn *ai termini* tar-regolament 60 tal-Merchant Shipping (Shipping Organisations – Private Companies) Regulation (2004), l-attrici allegatament "irrezenjat" minn direttrici u minflokha kien giet "elett" il-konvenut Robert Stivala, u dan b'effett mill-10 ta' Awissu 2007 (DOK JM2) ;

4. Illi l-attrici qatt ma tat il-kunsens taghha biex hija tirrezenja minn direttrici, u qatt ma ppartecipat f'ebda laqgha fejn ittiehdet xi decizjoni f'dan is-sens jew l-allegat "rezenja" taghha giet accettata ;

5. Illi l-attrici nformat bis-suespost lir-Registratur tal-Kumpaniji u talbietu jivverifika dan l-agir (DOK JM3) ;

6. Illi r-Registratur tal-Kumpaniji *tramite* l-ufficjali tieghu, kiteb diversi drabi lill-konvenut Roberto Stivala ghal spjegazzjoni dwar ir-rezenja ta' l-attrici, kif ukoll ghal xi korrispondenza relatata ma' l-istess rezenja, u kien biss erba' xhur wara illi huwa rcieva risposta minn ghand il-legali tieghu fejn gew mgharrfa illi l-attrici kienet "giet imnehhija" u mhux "irrezenjat", kuntlarju ghal dak li jirrizulta mill-Form I ;

7. Illi barra l-fatt illi ntbaghtet informazzjoni mhux korretta mill-konvenut, u dan bi ksur ta' l-artikolu 146 tal-Kap. 386, jirrizulta wkoll illi anke jekk ghal grazzja ta' l-argument kellha tigi accettata l-ispjegazzjoni moghtija mill-konvenut lir-Registratur tal-Kumpaniji, u *cioe'* illi l-attrici "giet imnehhija" minn direttrici, ma ttiehdet ebda rezoluzzjoni f'*general meeting* biex hija titnehha, u ma ttiehed ebda vot sabiex setghet "titnehha" l-attrici mill-kariga taghha ta' direttrici, u dan bi ksur tal-procedura stabbilita taht l-artikolu 140(1) tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta ;

8. Illi *ai termini* tas-subinciz (3) ta' l-artikolu 140, l-attrici kellha kull dritt illi tigi mgharrfa bir-rezoluzzjoni li kienet ser tittiehed fil-konfront taghha, kif ukoll illi tinstema' waqt il-*meeting*, procedura illi ghal darb'ohra ma gietx segwita mis-socjeta' konvenuta jew il-membri taghha ;

9. Illi l-konvenuti gew mitluba jirtiraw il-Form I minn ghand ir-Registratur tal-Kumpaniji u jhallsu d-danni illi gew ikkawzati bl-agir illegali taghhom, izda huma baqghu inadempjenti ;

10. Illi ghaldaqstant l-attrici ma kellha ebda triq ohra ghajr illi jinbdew dawn il-proceduri.

Jghid ghalhekk l-intimat ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara illi l-attur Roberto Stivala baghat ghar-registrazzjoni lir-Registratur tal-Kumpaniji, informazzjoni skorretta dwar ir-rezenja tal-attrici minn direttrici tas-socjeta' konvenuta, u dan bi ksur ta' l-artikolu 146 tal-Kap. 386 ;

2. Tiddikjara illi l-allegat "tnehhija" tal-attrici mis-socjeta' konvenuta, ma saritx *ai termini* tal-procedura stabbilita taht l-artikolu 140 tal-Kap. 386 ;

3. Tikkonferma ghaldaqstant illi l-attrici ghadha direttrici ta' l-istess socjeta' konvenuta ;

4. Tobbliga lill-konvenut jirtira l-Form I depositata mar-Registru tal-Kumpaniji ;

5. Tiddikjara illi l-attrici sofriet danni bl-agir tal-konvenuti ;

6. Tillikwida d-danni sofferti, jekk hemm bzonn bil-hatra ta' perit nominat minn dina l-Onorabbli Qorti, u tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu l-istess danni lill-attrici, bl-imghax legali mid-data tal-ittra ufficjali

datata 17 ta’ Gunju 2008 sal-pagament effettiv kontra l-konvenuti, li huwa minn issa ngunt in subizzjoni. ”

**Rat** il-lista tax-xhieda ndikata mill-attrici flimkien mad-dokumenti li kienu annessi mar-rikors mahluf.

**Rat** ir-risposta mahlufa presentata fit-30 ta’ Ottubru 2008 li tghid hekk:-

“ 1. Illi fl-ewwel lok, *in linea* preliminari, jidher illi l-azzjoni attrici turi nuqqas ta’ integrita’ ta’ gudizzju in kwantu kull hatra originali u zamma sussegwenti ta’ direttur, bhal ma kienet l-attrici, hija prerogattiva tal-azzjonisti u mhux tal-kumpanija *per se* bhal ma l-anqas ta’ xi direttur partikolari, u ghalhekk it-talbiet attrici, senjatament it-tieni u t-tielet talba, kellhom jigu rivolti *semmai* lejn l-azzjonisti u mhux lejn l-esponenti ;

2. Illi fit-tieni lok, it-talbiet attrici huma fil-meritu nfondati fil-fatt u d-dritt in kwantu l-hatra originali u z-zamma sussegwenti tal-attrici *qua* direttur huma prerogattiva tal-azzjonisti li jkunu appuntawha *a loro volta* u certament mhux tal-attrici nnifisha ;

3. Illi fit-tielet lok, u minghajr pregudizzju ghal-premess, l-azzjoni li ttiehdet fil-konfront tal-attrici kienet l-unika azzjoni li setghet tittiehed – bil-mezzi legali li jaghti l-qafas legislattiv relattiv – fl-isfond tal-urgenza mmedjata kkreata mill-agir abbuziv u llegali u li jirrazenta l-frawdolenti, perpetrat mill-istess attrici illi agixxiet *qua* direttrici b’abbuz, kontra l-interessi tal-istess socjeta’ li taghha kienet direttrici u kontra dawk minnha rikjest mill-istess azzjonisti ;

4. Illi fir-raba’ lok mhux biss ma hemm ebda danni x’jigu likwidati jew jithallsu lill-attrici – li kienet hi l-artefici ta’ agir abbuziv li issa trid toqghod ghal konsegwenzi kollha tieghu – imma kienet l-istess attrici li kkawzat danni lis-socjeta’ esponenti bhala rizultat ta’ tali agir abbuziv taghha, dwar liema agir sejrin jigu istitwiti proceduri *ad hoc* kontra l-istess attrici.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri. ”

**Rat** il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenut ;

**Rat** id-digriet ta’ din il-Qorti diversament presjeduta tal-10 ta’ Novembru 2008 fejn ipprovdiet li kellha ssir trattazzjoni tal-ewwel eccezzjoni u *cioe’* l-integrita’ tal-gudizzju ;

**Rat** li l-partijiet ghazlu li jittrattaw din l-eccezzjoni permezz ta’ noti ta’ sottomissjonijiet ;

**Rat** in-nota ta’ osservazzjonijiet tal-atturi tas-27 ta’ Frar 2009 (fol. 23) ;

**Rat** in-nota ta’ osservazzjonijiet responsiva tal-konvenut presentata fis-16 ta’ April 2009 (fol. 27) ;

**Semghet** lid-difensuri tal-partijiet iressqu l-ahhar sottomissjonijiet taghhom fl-udjenza tal-14 ta’ Mejju 2009 (fol. 34) ;

**Rat** id-digriet taghha moghti f’dik l-udjenza fejn din il-Qorti halliet il-kawza ghal-lum dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut ;

**Ikkunsidrat –**

Is-sustanza tal-eccezzjoni preliminari tal-konvenut hija li l-hatra jew tnehhija ta’ direttur hija prerogattiva tal-azzjonisti u taghhom biss. Ghalhekk fir-rigward tat-tieni u tat-tielet talbiet attrici l-gudizzju mhux integru ghaliex l-azzjonisti m’humiex parti fil-kawza.

**Ikkunsidrat –**

Fil-qosor, is-sottomissjonijiet tal-attrici kienu dawn –

1) L-attrici ppresentat il-kawza kontra l-konvenut bhala direttur tas-socjeta’ GA Properties Limited.

2) It-tnehhija abbuziva tal-attrici minn direttrici tas-socjeta’ GA Properties Limited saret minn Roberto Stivala

mhux mill-azzjonisti bla ma l-konvenut sejjah *board meeting* jew inkella gharrafha bid-decizjoni tat-terzi fil-konfront taghha.

3) Kien Roberto Stivala li hatar lill-attrici bhala direttrici mhux l-azzjonisti, tant li qatt ma rrefera ghalihom. L-ewwel darba li l-attrici saret taf li kien hemm azzjonisti esteri kienet f'dawn il-proceduri.

4) Jekk din il-Qorti se tghid li ghandhom jigu kjamati fil-kawza l-azzjonisti esteri, allura l-attrici ma ssib ebda oggezzjoni illi taghmel dan bil-ghan illi tissana l-proceduri odjerni.

5) Il-konvenut qatt ma wiegeb ghall-ittra ufficjali taghha DOK JM4.

**Ikkunsidrat –**

Aktar milli nota ta' osservazzjonijiet vera u propja dwar l-eccezzjoni preliminari, il-konvenut nomine ressaq serje ta' allegazzjonijiet dwar x'wassal ghat-tnehhija tal-attrici minn direttrici. Fir-realta' dawk l-allegazzjonijiet li naturalment il-konvenut irid jipprova skond il-ligi jinvestu l-mertu aktar milli l-eccezzjoni preliminari. Il-konvenut isostni li l-attrici kienet taf bl-azzjonisti esteri u spjega ghaliex qabel saret il-kawza.

**Ikkunsidrat –**

<u>L-Art.140(1) tal-Kap.386</u> jghid hekk –

"Kumpanija tista' tnehhi direttur qabel ma jghaddi z-zmien tal-kariga tieghu <u>b'rizoluzzjoni li tittiehed f'laqgha generali tal-kumpanija u mghoddija minn membru jew membri li jkollhom il-jedd li jattendu ghaliha u jivvutaw</u>, li flimkien ikollhom azzjonijiet li jaghtu l-jedd lid-detentur jew detenturi taghhom ghal iktar minn hamsin fil-mija tal-jeddijiet tal-vot marbuta ma' l-azzjonijiet rapprezentati u li jaghtu l-jedd ghal vot fil-laqgha."

<u>L-Art.140(2)</u> huwa specifiku u jghid li –

"Id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) ghandhom japplikaw minkejja kull haga li tinsab fil-memorandum jew fl-istatut tal-kumpanija jew f'xi ftehim bejnha u d-direttur."

**Ikkunsidrat –**

Fil-ktieb tieghu "Principles of Maltese Company Law" (Malta University Press – 2009) il-Prof. Andrew Muscat jghid hekk *inter alia* dwar it-tnehhija ta' direttur f'pagni 392 – 399 tal-Kapitolu 6 –

"*As a general rule, the power to remove directors is vested in the general meeting. This power exists notwithstanding anything in the company's memorandum or articles or in any agreement between it and the director. There need not be a justifiable reason for the removal. Attempts to stop such general meetings by way of proceedings for the issue of a prohibitory injunction have generally proved unsuccessful. … A fundamental principle in company law is that the management of the company's affairs vests in the directors and not in the shareholders … while the shareholders have no power vis-à-vis the management of the company (apart from the limited powers specifically given by law or by the articles) they can assert themselves against the directors, and if need be, remove them from the office. …The shareholders can exercise the power of removal at any time and need not wait until for example the next general meeting … 'An ordinary resolution' is … a resolution passed by simple majority of the votes cast in accordance with the rules governing the voting rights attached to shares laid down in the articles of association*. …"

**Ikkunsidrat –**

Eccezzjoni dwar nuqqas ta' integrita tal-gudizzju hija ta' natura dilatorja u ghalhekk, kif hekk sar f'dan il-kaz, kellha titqajjem *in limine litis* ("**Virginia Cassar -vs- Emanuel Caruana et**", Appell Kummercjali, 4 ta' Marzu 1992).

Ir-*raison d'etre* ta' eccezzjoni ta' nuqqas ta' integrita tal-gudizzju tistrieh fuq tliet konsiderazzjonijiet principali: l-ewwel wahda hija li, ghall-ahjar gudizzju tal-Qorti, ghandhom jippartecipaw fih dawk kollha li huma interessati; it-tieni, sabiex tigi assigurata kemm jista' jkun l-effikacita` tal-gudizzju, in kwantu dan jorbot biss lil dawk il-persuni li jkunu ppartecipaw fl-istess gudizzju; it-tielet, biex jigi rispettat il-principju ta' l-ekonomija tal-gudizzju sabiex ma jkunx hemm il-bzonn li l-istess procedura tigi ripetuta kontra l-persuni kollha interessati fid-diversi kawzi billi dawn ma jkunux hadu parti f'gudizzju wiehed u l-kreditur attur ikollu l-interess li d-debituri kollha jigu vinkolati biex ikun jista' jesegwixxi t-titolu tieghu kontra taghhom kollha" – ("**Victor <u>Zahra Dedomenico -vs-</u> <u>Alfred Zahra Dedomenico</u>"**, Appell, 15 ta' Jannar 1992).

Fil-kaz in ezami, qed jirrizulta <u>almenu</u> fil-livell ta' <u>*prima facie*</u> li t-tnehhija tal-attrici minn direttur ma saritx mill-azzjonisti f'laqgha generali kif previst mil-ligi. Ghalhekk <u>jekk</u> it-tnehhija saret minn Roberto Stivala <u>wahdu</u> bhala direttur (kif tallega l-attrici) l-azzjonisti (huma min huma) ghandhom kull <u>interess</u> ikunu parti f'din il-kawza sabiex min-naha wahda jwiegbu ghat-talbiet tal-attrici (*in toto* jew *in parte* fejn dawn jirrigwardaw lilhom) u min-naha l-ohra sabiex ikopru lilhom infushom *vis-à-vis* id-direttur Roberto Stivala fil-kaz li jirrizulta pruvat b'nuqqas da parti tieghu bhala direttur tas-socjeta' konvenuta fil-konfront tal-attrici, ta' liema socjeta' konvenuta huma l-azzjonisti. L-identita' u l-indirizzi tal-azzjonisti ghandha tirrizulta mill-atti socjetarji ufficjali kustoditi anke fl-MFSA.

Min-nota tal-osservazzjonijiet tal-konvenut nomine huwa evidenti li dan zamm ruhu barra mill-kwistjoni sollevata mill-attrici fin-nota taghha, u *cioe'* li tista' tkun imnehhija l-kjamata fil-kawza tal-azzjonisti tas-socjeta' attrici.

Dwar din il-materja din il-Qorti tghid li fis-sentenza a **Vol. XVI P I p 117** jinghad li *"la legge non commina la nullita` degli atti per mancanza di citazione di un terzo interessato.*" Kieku ma kienx hekk, ma kien ikun hemm qatt lok ghall-intervent fil-kawza *"in statu et terminis*" f'kull waqt taghha, anke fl-istadju ta' l-appell (Artikolu 960 tal-

Kapitolu 12) jew ghas-sejha fil-kawza ta' terza persuna (Artikolu 961 tal-Kapitolu 12. Kif rimarkat fid-decizjoni fl-ismijiet **"Albert Borg Falzon pro et noe -vs- Joseph Cost Chretien"**, Qorti tal-Kummerc, per Imhallef W. Harding, 17 ta' Ottubru 1950, "l-interess li jillegittima l-kjamata in kawza ghandu jkun fl-ezitu tal-gudizzju, intiz dan l-interess mhux necessarjament fis-sens li l-kjamat in kawza jkun kundannat jew liberat, imma anki fis-sens li hu jkun jista' jsostni r-ragunijiet ta' l-attur jew tal-konvenut, jew tieghu stess differenti mit-tnejn, jew ghall-wiehed jew l-iehor, u jipprovoka decizjoni, fil-limiti ta' l-azzjoni, li tistabilixxi certi fatti u drittijiet favorevoli jew kuntrarji ghalih, bla ma jigi liberat jew kundannat." (sottolinear ta' din il-Qorti)

Effettivament *oltre* l-aspett ta' l-interess, il-kjamata in kawza trid anke tkun necessarja, f'dan il-kaz, ghall-integrita' tal-gudizzju. (Ara **"Grazia Meilak et -vs- Salvatore Grech"**, Prim' Awla, Qorti Civili, per Imhallef M. Caruana Curran, 12 ta' Marzu 1964). Huwa proprju dan l-ahhar aspett ta' l-integrita` tal-gudizzju li jiddistingwi s-sejha fil-kawza u l-intervent fil-kawza. ("**Charles Farrugia Marmara` -vs- Edgar Mifsud**", Prim'Awla, Qorti Civili, 30 ta' Gunju 1945).

**Ghar-ragunijiet kollha premessi fuq l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut nomine dwar nuqqas ta' integrita' tal-gudizzju fl-azzjoni attrici, din il-Qorti tordna *ex officio* skond l-Art. 961 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, il-kjamata fil-kawza tal-azzjonisti kollha tas-socjeta' konvenuta G.A. Properties Limited u tordna lill-attrici sabiex tottempera ruhha mal-Art. 962 tal-Kap. 12.**

**L-ispejjez ta' dan il-provvediment jibqghu a kariku tal-attrici.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------